MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1221/2012

**Idea Casa Company Limited**

**(C-24516)**

**vs.**

**Allan Magro (detentur tal-karta ta’ l-identita`**

**bin-numru 226384 (M)) u Joseph Francis Scerri**

**(detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 214062 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta’ Marzu, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-intimat Magro fuq indikat xtara ghamara minghad is-socjeta` rikorrenti f’zewg (2) okkazjonijiet biex jimla` l-appartament sitwat f’156, Flat 2, Triq John Borg, Birkirkara;

1.2. Illi l-istess intimat hallas lis-socjeta` rikorrenti depozitu ta’ sebat elef mitejn u disghin Ewro, (€7,290.00);

1.3. Illi kif pattwit, is-socjeta` rikorrenti kkonsenjat l-ghamara involuta lill-istess intimat Magro;

1.4. Illi l-bilanc li l-intimat Magro ghad ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti jammonta ghal ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€20,687.76), (ara foll 5);

1.5. Illi fil-bidu tal-2012 l-intimat Magro informa lis-socjeta` rikorrenti li l-intimat l-iehor Joseph Francis Scerri kien ser jassumi d-dejn tieghu ghall-ghamara *de* quo;

1.6. Illi in effetti l-imsemmi intimat Scerri assuma d-dejn *de quo* billi obbliga ruhhu li jhallas l-ammont rimanenti dovut lill-istess socjeta` rikorrenti, u dan, minghajr ma gie estint jew mahfur id-dejn dovut lill-istess socjeta` rikorrenti mill-intimat Magro;

1.7. Illi ghalhekk, l-intimati *in solidum*, huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont fuq indikat ta’ €20,687.76;

1.8. Illi nonostante li interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom hekk dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri *in solidum* tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ €20,687.76 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ ghamara mibjugha u konsenjata mis-socjeta` *de quo* lill-intimat Magro u liema dejn l-intimat Scerri obbliga ruhha li jhallas;

1.9.2. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* ihallsu l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

1.9.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Magro datata t-22 ta’ Marzu, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

2.1. Illi m’ghandu jaghti xejn lis-socjeta` rikorrenti;

2.2. Illi hu l-intimat Scerri li ghandu jaghti l-ammont *de quo stante* li dan kien accetta li l-*“balance has been taken over”* skont il-ftehim datat is-26 ta’ Jannar, 2012, liema ftehim kien anke gie accettat mis-socjeta` rikorrenti;

2.3. Illi *stante* li s-socjeta` rikorrenti u l-intimat Scerri ftehmu fuq modalita` ta' pagamenti, l-intimat Magro gie estromess mill-imsemmija relazzjoni;

2.4. Illi l-imsemmi ftehim kien gie accettat u ssuggerit mill-istess socjeta` rikorrenti;

2.5. Illi l-intimat Scerri gia` hallas xi pagamenti lis-socjeta` rikorrenti li minn naha taghha accettathom;

3. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 66);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-9 ta' Gunju, 2014, (ara foll 70), flimkien ma' dik tal-intimat Magro, datata s-27 ta' Gunju, 2014, (ara foll 77);

5. Semghet ix-xhieda prodotta u anke rat dik ipprezentata permezz ta' dikjarazzjoni guramentata;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

8. Tirrileva li l-intimat Scerri baqa` kontumaci, (ara foll 20);

Ikkunsidrat:

9. Illi in effetti l-vertenza odjerna tiddependi mill-iskrittura privata datata s-26 ta' Jannar, 2012, miktuba fuq *"letterhead"* tas-socjeta` rikorrenti u ppreparata minn Sergio Gauci ghas-socjeta` rikorrenti;

10.0. Illi l-imsemmija skrittura tistipula s-segwenti:

10.1. Illi l-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti fuq il-kont numru MAGA 04 (Allan Magro) kien assunt minn Joe Scerri (I.D. numru 214062 (M)), senjatament l-intimat Joseph Francis Scerri fuq gia` indikat;

10.2. Illi l-ammont bilancjali dovut kien ta' €20,687.77;

10.3. Illi l-pagamenti issa assunti minn Joseph Francis Scerri kellhom jithallsu ratealment fl-ammonti u fid-dati hemm indikati, (ara foll 47);

11. Illi *di piu`* l-istess Sergio Gauci ghas-socjeta` rikorrenti jistipula fid-dokument immarkat Dok SG6, (ara foll 48), illi l-imsemmi bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti li kien qed jirrapprezenta *"... has been taken over by Mr Joe Scerri as per agreement dated 26-01-2012"*;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi biex jigi evitat dilungar inutili jirrizulta pacifiku li b'rizultat tal-imsemmija skrittura privata sehh is-segwenti:

12.1. Illi d-debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti originarjament mill-intimat Magro kien jammonta ghal €20,687.77);

12.2. Illi l-istess debitu gie assunt mill-intimat Joseph Francis Scerri;

12.3. Illi tramite r-rapprezentant taghha Sergio Gauci, is-socjeta` rikorrenti accettat din l-assunzjoni ta' debitu billi ppartecipat b'mod dirett fl-istess transazzjoni;

**DECIDE in parte:**

13.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Allan Magro pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-intimat Magro;

13.1. Tillibera lill-istess intimat Allan Magro mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta pacifiku li l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti hu dovut biss mill-intimat Joseph Francis Scerri, u dan, a bazi tal-iskrittura privata fuq indikata, li taghha l-istess socjeta` rikorrenti kienet parti minhabba l-involviment tal-imsemmi Sergio Gauci, u konsegwentement:

**DECIDE finali:**

14.1. Tiddikjara li hu l-intimat Scerri biss li hu responsabbli biex ihallas l-ammont t' €20,687.76, *de quo* lis-socjeta` rikorrenti;

14.2. Tikkundanna lill-istess intimat Scerri biex ihallas l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

14.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat Joseph Francis Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------